**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 9 ta' Novembru 2017**

**App. Nru. 258/2013 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Delia**
**Marco Delia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Alfred Delia, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 459045(M) u Marco Delia, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 311466(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'Mejju 2010, f'April 2010, f'Jannar 2010 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

(1) għamlu atti ta' *money laundering* billi :-

i) ikkonvertew jew trasferew proprjeta` meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-proprjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita` kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali, g]all-

iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjeta` jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attivita` kriminali;

ii) ħbew jew urew ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward fi jew fuq proprjeta`, meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-proprjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;

iii) akkwistaw proprjeta` meta kienu jafu jew issuspettaw li l-istess proprjeta` kienet inkisbet jew ori[inat direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta'parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;

iv) bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjeta` meta kienu jafu jew issuspettaw li l-istess proprjeta` kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;

v) ittentaw għamlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi) aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq,

ai termini tal-artikolu 3 tal-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373, u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll fil-kaz ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat/i għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 tal-

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmijin Alfred Delia u Marco Delia ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u kkundannathom tmintax il-xahar priġunerija u multa ta' hamest elef (€5,000) kull wieħed li għandha titħallas fi żmien sena; in oltre l-Qorti ordnat il-konfiska tal-vettura ta' tip BMW Z4 b'numru ta' reġistrazzjoni DIA 612, tal-vettura ta' tip BMW 530D b'numru ta' reġistrazzjoni PAJ 130 u tal-vettura ta' tip Mitsubishi b'numru ta' reġistrazzjoni CGV 021 favur il-Gvern ta' Malta. In konklużjoni u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lil kull wieħed mill-imputati biex iħallas lir-Reġistratur ta' dik il-Qorti s-somma ta' €1663.89 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni mal-ħatra ta' l-esperti; il-ħlas għandu jsir fi żmien sena;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Alfred Delia u Marco Delia ppreżentat fit-3 ta' Ġunju 2013, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex fl-ewwel lok tirrevoka s-sentenza appellata fejn instabu ħatja tar-reat ta' ħasil ta flus u tilliberahom minn tali imputazzjoni u, alternattivament, f'każ li ssibhom ħatja, tvarja l-piena nflitta u dana billi ma timponix piena karċerarja effettiva;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellanti huma s-segwenti:

> "jirrizulta li l-pulizija qed takkuza lill-imputati fuq l-akkuza ta' hasil ta' flus ghaliex l-imputat Alfred Delia kellu zewg vetturi BMWs registrati f'ismu u cioe` BMW 530 u BMW Z4 waqt li l-imputat Alfred Camilleri kellu zewg Pajeros f'ismu. Illi huwa minnu li fir-reat ta' *money laundering* hija id-difiza li trid tipprova li dawn inxtraw b'mezzi leciti pero` <u>huwa minnu ukoll li l-prosekuzzjoni trid tipprova li dawn l-oggetti inxtraw fil-perijodu indikat fl-akkuza.</u>
>
> "**Marco Delia.**
>
> "Jirrizulta bic-car skond ix-xhieda ta' l-imputat stess ghaliex il-prosekuzzjoni naqset li tressaq l-ahjar prova dwar dawn il-vetturi u cioe` ix-xhud tal-Malta Transport sabiex jaghti l-*history* ta' dawn il-vetturi pero` li hu zgur hu li wahda minn dawn il-Pajeros ta' Marco Delia <u>inxtraw fis-sena 2008 u l-ohra fis-sena 2010.</u> Ghalhekk fil-konfront ta' Marco Delia l-akkuza hija limitata biss fir-rigward ta' Pajero wahda li huwa xtara ghas-somma ta' erbatax-il elf euro (Euro 14,000) u li minnha hemm prova li hallas <u>biss is-somma ta Euro 4,666</u>. Ghalhekk l-esponenti jghid kif tista' l-Qorti ssib lill-imputat Marco Delia hati ta' hasil ta' flus ghaliex xtara vettura u <u>minnha hallas biss is-somma ta Eur 4,666.</u> Anke minn ezami tal-i*statements* bankarji tieghu ma jirrizulta l-ebda *deposits* allarmanti li l-imputat kellu jiggustifika. Jidher li hemm biss l-paga mensili tieghu li kienet tigi depositata f'dan il-kont. Zgur li din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni fuq

bazi ta *'proof beyond reasonable doubt'* li bniedem ta 43 sena li ghadu ghazeb, li ighix mal-genituri tieghu, li ghandu u dejjem kellu impieg fiss, ghandu jinsab hati ta' hasil ta flus ghaliex sempliciment xtara karozza ta' valur medju. Il-Qorti trid ikollha hafna aktar provi konklussivi dwar l-operat tieghu f'attivita` illegali.

"**Alfred Delia.**

"Fil-konfront ta' Alfred Delia jirrizulta li dan huwa anzjan bil-pensjoni ta' 65 li dejjem hadem u li llum il-gurnata qed jghix bis-servizzi socjali. Jirrizulta li dan ghandu zewg vetturi registrati fuq ismu ghalhekk jirrizulta mix-xhieda tieghu stess li jappartjenu lil ibnu Roderick u li fil-fatt kien Roderick li xtrahom u innegozjahom. Fil-fatt anke meta xehed Godwin rappresentant tal-Premier Garage dan jghid li ma gharafx lill-imputati odjerni bhala l-persuni li innegozjaw il-vettura l-kbira BMW. Ghandu jinghad li l-vettura ghalkemm hija BMW 530 mhiex gdida u l-prezz taghha ma hux xi wiehed allarmanti fis-suq ta' llum. Ghalhekk ma jistax jinghad li missier li jkollu registrat fuq ismu vettura ta' ibnu ghandu jinstab hati ta' *money laundering*. Hawnhekk m'ghandniex xi allegazzjoni ta xiri ta proprjeta` ghaliex il-proprjeta` ta' l-imputat Alfred Delia kien wiritha minghand il-genituri tieghu kif jirrizulta mill-atti processwali u ma jirrizultax li l-imputat ghandu xi flejjes u depositi li ghandu ghalfejn jispjegahom. L-i*statements* tal-Bank jitkelmu wahedhom u m'ghandhomx bzonn l-ebda spjegazzjoni.

"Li gara f'dan il-kaz hu li l-prosekuzzjoni kienet qed tinvestiga zewg ulied ta' Alfred Delia certu Freddie u Roderick u ressquhom l-Qorti akkuzati b'diversi reati u ghaliex dan Roderick kellu zewg vetturi f'isem missieru il-prosekuzzjoni spiccat resqet lill-imputat Alfred b'akkuzi simili. Zgur li investigazzjoni m'ghandhiex issir b'dan il-mod. Jidher li l-imputati min-naha taghhom zgur li resqu kull prova necessarja sabiex jissodisfaw il-Qorti li huma ma kinux involuti fir-reat ta' hasil ta' flus. Kien ghalhekk li l-esponenti hass il-htiega sabiex jaghti sommarju tal-provi prodotti fid-dettal ghaliex genwinament ihoss li ma hemmx provi li ghandhom iwaslu lill-Qorti sabiex issib lill-imputati odjerni hatja ta' dawn l-akkuzi.

"L-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza ricenti li nghatat fid-19 ta' Jannar 2012 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Angelo Gafa`) vs Carlos Frias Mateo** fejn inghad is-segwenti:-

"*'Ma hemmx dubju illi r-reat ta' money laundering huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provenjenza tal-flus. Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-Money Laundering Kap 373 ipoggi l-oneru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu.*

*Dan il-bdil ta' l-oneru tal-provi mhijiex wahda kapriccjuza u kif qalet il-Qorti fil-kawza* ***Il-Pulizija vs John Vella*** *"din hi ligi straordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-aktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi strument ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-*

*zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era moderna tad-drittijiet tal-bniedem. . . .".*

*Il-Qorti qieghda taghmel dan il-pronuncjament fl-isfond tad-dispost ta' l-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta illi ghandhom jinqraw fid-dawl ta' l-Artiklu 21(1C)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw li l-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' money laundering minghajr ma jkollu xi Sentenza b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma' dan kollu, jibqa` l-fatt illi l-Avukat Generali ghandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-proprjeta` u l-attivita` kriminali li tkun generat dawk il-flus.'*

"Dik il-Qorti kompliet tghid li :-

"*'Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Generali, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza* ***Il-Pulizija vs Paul Borg*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta'Ottubru ta' l-2003. F'din il-kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' money laundering taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali ghandu jipprova "prima facie" n-ness bejn il-flus jew il-proprjeta` u l-attivita` kriminali li tkun generat dak il-flus jew proprjeta"minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap 373 ossia l-Att tan-1994 kontra "Money Laundering", fejn l-attivita` kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni skeda ta' l-istess Att, irid almenu jigi "prima facie" pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap 101 u dana qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat.'*

"F'dik il-kawza gja` citata, l-appellat qed jigi akkuzat [*recte:* l-appellanti qed jigu akkuzati] bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dan il-Kap jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, proprjeta` jew rikavat fuq il-persuna akkuzata. Ghalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'*money laundering* taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta` l-prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precedenti in konnessjoni ma xi attivita` kriminali,kull ma ghandha tipprova l-prosekuzzjoni huwa illi l-vetturi illi nstabu ghand l-imputati ma kinux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji.

"Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandhiex tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali biex inxtraw il-vetturi. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus li bihom inxtraw il-vetturi. L-esponenti ihossu li l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell ta' prova "prima facie" u b'hekk lanqas m'ghandu jiskatta l-inverzjoni tal-provi fuq l-imputati sabiex huma juru lill-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi bihom inxtraw il-vetturi. L-imputat Marco Delia ghazel illi jixhed u jispjega il-fatti kif jafhom hu waqt li l-imputat Alfred Delia

rrilaxxja zewg stqarrijiet u wiegeb ghad-domandi li sarulu mill-investigatur u inoltre tressqu provi in difeza ghalkemm fil-fehma ta l-esponenti ma skattax l-inversjoni tal-provi.

“Quindi l-oneru illi l-Ligi poggiet fuq spallejn l-imputati sabiex huma jiggustifikaw dak il-pussess tal-vetturi sodisfatt l-ewwel Qorti u ghalhekk din ma kellhiex issib htija fil-konfront ta’ l-imputati dwar l-akkuzi ta’ *money laundering* a tenur tal-Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi ghalhekk l-appellanti jitolbu li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali nhar it-23 ta Mejju 2013 fil-konfront taghhom fl-ismijiet premessi tigi revokata.

“Bla pregudizzju ghas-suespost l-appellanti jappellaw ukoll mill-piena u dan ghaliex jirrizulta minn ezami tal-fedina penali ta’ l-imputat Alfred Delia li ghalkemm huwa ghandu 63 sena huwa tressaq il-Qorti f’zewg okkazjonijiet biss u dan fis-sena 1978 meta saq vettura minghajr licenzja tat-triq u gie immultat LM5 ammenda u fl-istess sena ta 1978 instab hati talli kkommetta xi kontravenzjoni tal-ALE (il-kopja provduta lill-esponent mhix cara u ma jirrizultax x’tip ta’ kundanna inghata).

“Waqt li Marco Delia tressaq il-Qorti fi tliet okkazjonijiet u cioe` fis-sena 1984 kien *conditional discharge* ghal perijodu ta’ sena, fis-sena 1976 kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokaina u gie multat mitejn lira Maltin (LM200) u fis-sena 1996 rega’ nstab hati ta’ pussess ta’ droga kokaina u ghal darb’ohra gie immultat mitejn lira Maltin (Lm 200).

“Ghalhekk ma jidhrux li l-imputati ighixu xi hajja ta’ kriminalita` u ghalhekk il-piena li nghata hija severa wisq u semmai missha giet sospiza ai termini ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.”

**6.** L-ewwel aggravju ta’ l-appellanti jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F’dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta’ din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b’mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta’ dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Issa, l-ewwel Qorti, wara li ċċitat mis-sentenza mogħtija fid-19 ta Jannar 2012 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carlos Frias Mateos**, qalet hekk:

“Illi ghalhekk il-mistoqsija li trid tigi rizolta fil-kaz in ezami hija dik interposta mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kawza hawn fuq kwotata u cioe` fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f’dan il-kaz, (provi biex jigi pruvat in-ness bejn il-flus utilizzati biex jinxtraw il-vetturi imsemmija u xi attivita` kriminali) intlahaq dan il-livell ta’ *‘prima facie’*? Kien hemm *‘a case to answer’* biex

mbaghad l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputati biex jippruvaw l-origini legittima tal-flus utilizzati.

"Ikkunsidrat

"Illi l-ewwel ser tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat Alfred Delia.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'temp ta' erbgha xhur bejn Jannar u April 2010 Alfred Delia, li kien jghix fuq pensjoni ta' bejn wiehed u iehor €700 kull erba' gimghat u ma kellu l-ebda introjtu iehor hlief imghax generat minn kapital ta' ftit aktar minn €5,000 depozitati il-bank, akkwista zewg vetturi bil-prezz ta' circa €43,000 li minnhom €28,000 thallas fi flus kontanti f'dak l-istess perjodu. Fil-verita` Alfred Delia jammetti bla tlaqliq fl-ewwel stqarrija tieghu li l-vetturi akkwistahom hu pero` jintuzaw minn ibnu Freddie u mart Freddie (Diane) hekk kif jammetti ukoll li l-flus li ntuzaw biex inxtraw dawk il-vetturi ma kinux tieghu imma ta' l-istess ibnu Freddie li, dejjem skond l-imputat Alfred Delia, ma kienx jahdem.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta ukoll li Freddie Delia kien diga` nstab hati ta' reati dwar traffikar ta' droga fil-passat u in konnessjoni ma' dawn ir-reati f'Marzu 2005 gie kkundannat hames snin prigunerija.

"Illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa ragonevoli li wiehed ghandu jissuspetta li l-provenjenza tal-flus li bihom inxtraw iz-zewg BMWs ma kellhomx provenjenza lecita ghax setghu kienu konnessi ma' l-attivita` illegali ta' Freddie Delia? Fit-termini tas-sentenza fuq kwotata l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li kien hemm *a case to answer*? Fil-fehma tal-Qorti ir-risposta ghaz-zewg kweziti ghandha tkun fl-affermattiv.

"Illi la darba l-prosekuzzjoni ippruvat fil-grad rikjest mill-Ligi ness bejn il-flus utilizzati biex inxtraw iz-zewg BMWs u xi attivita` illecita da parti ta' Freddie Delia allura l-oneru tal-prova issa dar fuq l-imputat Alfred Delia biex jipprova l-origini legittima tal-flus in kwistjoni. Alfred Delia pero` ma ressaq l-ebda prova. Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alfred Delia jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

"Ikkunsidrat

"Illi l-Qorti issa ser tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat Marco Delia.

"Illi mill-provi jirrizulta li l-unika introjtu li kellu l-imputat Marco Delia kien is-salarju tieghu li kien ta' circa €800 fix-xahar, hekk kif irrizulta li l-unika assi li kellu Marco Delia sal-bidu ta' Jannar 2010 kien kont il-bank u zewg karozzi. Il-kont tal-bank fil-bidu ta' Jannar 2010 kien fih bilanc ta' €1.58 u l-unici depoziti li saru f'dan il-kont fix-xhur ta' wara kienu tas-salarju tieghu. Iz-zewg karozzi li kellu kienu Hyundai Accent li kienet skrappjata u Mitsubishi; il-Mitsubishi kienet ilha ghandu sentejn u kien ghad baqa' bilanc fuq prezzha.

"Illi pero` mbaghad f'April 2010 l-istess Marco Delia xtara Mitsubishi ohra, mudell aktar recenti, bil-prezz ta' €14,000 li minnhom hallas, f'daqqa, €4,600 fi flus kontanti. Fost il-karozzi li kellu Marco, huh Roderick kien juza din il-Mitsubishi li nxtrat f'April 2010.

"Illi minbarra dawn il-fatti mill-provi prodotti jirrizulta li kemm l-imputat Marco Delia kif ukoll huh Roderick Delia kienu jghixu mal-genituri taghhom.

"Illi jirrizulta ukoll li Roderick Delia ma kienx jahdem u li hu ukoll fil-passat kien gie misjub hati ta' reati dwar traffikar ta' droga li ghalihom, f'Marzu 2005, gie ikkundannat hames snin prigunerija. Mill-provi hareg ukoll li fis-sena 2009 Roderick Delia gie akkuzat b'reati dwar pussess aggravat ta' droga eroina u kokajina. [1]

"Illi minn dawn il-provi jirrizulta li mill-bidu ta' Jannar 2010, meta fl-uniku kont bankarju tieghu kellu depozitu ta' €1.58, sa April 2010 Marco Delia ma setax jaqla' (u wisq anqas ifaddal) €4,600 biex jaghmel l-ewwel pagament fuq il-vettura (naturalment minbarra il-prezz tal-vettura huwa kellu jhallas ukoll il-licenzja u l-assikurazzjoni tal-vettura).

"Illi tenut kont ta' dan, tenut kont tal-fatt li kienet propju din l-ahhar vettura li akkwista Marco Delia li kien qed juza huh Roderick, u tenut kont tal-fatt li dan Roderick huwa involut f'attivita` illecita, il-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni pruvat, fil-grad ta' *prima facie*, in-ness bejn din l-attivita` illecita u l-flus utilizzati biex tinxtara, f'isem Marco Delia, il-Mitsubishi.

"Illi a differenza ta' missieru, Marco Delia offra d-depozizzjoni tieghu imma ma qal xejn li jista' juri li l-origini ta' dawk il-flus kien wiehed legittimu.

"Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjonijiet gew pruvati ukoll fil-konfront ta' l-imputat Marco Delia."

**8.** Din il-Qorti eżaminat il-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti.

**9.** Għar-rigward ta' l-appellant Alfred Delia, *ex admissis* jgħid li ż-żewġ BMWs li, fuq il-karta jidhru li ġew akkwistati minnu, huma ta' ibnu Freddie u li kien Freddie li ħallas għalihom u fil-fatt jintużaw minn Freddie u mart Freddie. L-appellant Alfred Delia kien jaf li ibnu Freddie ma jaħdimx u, nonostante dan, kellu l-mezzi biex iħallas għall-imsemmijin żewġ karozzi. Mhux biss l-appellant Alfred Delia ma jġib ebda spjegazzjoni raġjonevoli li turi li l-flus kellhom provenjenza leċita, iżda ma jġib spjegazzjoni ta' xejn. U dan ukoll meta jirriżulta li Freddie Delia kien ġie kkundannat dwar traffikar ta' droga[2] u, jiġi

[1] Filwaqt illi meta ngħatat is-sentenza fil-prim'istanza l-proceduri kienu ghadhom pendenti, b'sentenza tat-13 ta' Frar 2015 li permezz tagħha Roderick Delia nstab ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, inkluż dawk ta' pussess aggravat ta' kokaina u ta' eroina u kkundannat tnax-il xahar priġunerija u disa' mitt euro multa, liema sentenza pero` ġiet appellata.

[2] Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Marzu 2005.

ribadit, ma kienx jaħdem. Għalhekk l-ewwel Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għal konklużjoni ta' ħtija fir-rigward ta' l-appellant Alfred Delia, b'dan li jidher li l-appellant Alfred Delia aktar aġixxa bħala *prestanome*.

**10.** Għar-rigward ta' l-appellant Marco Delia, dan l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti fejn saħaq li l-vettura Mitsubishi Pajero kien xtraha għalih, li kien ħallas depożitu ta' madwar €4,600 u l-bilanċ kellu jħallsu permezz ta' pagamenti fix-xahar tul ħames snin. Ta' min jgħid illi fix-xiehda tiegħu l-Ispettur Antonovich Muscat qal li wara li l-appellant Marco Delia kien ingħata l-*caution*, waqt l-interrogatorju dan kien qal li l-Mitsubishi Pajero kien xtraha għal ħutu Freddie u Roderick biex forsi jrabbu l-għaqal. Mela hawn għandna żewġ verżjonijiet kontradittorji. Fix-xiehda tiegħu qal li din il-Mitsubishi Pajero jsuquha hu u ħuh Roderick, u ċaħad li aktar isuqha ħuh milli jsuqha hu.

**11.** Din il-Qorti tosserva wkoll illi fil-kuntratt li sar mal-*car dealer* fit-3 ta' April 2010, filwaqt illi hemm indikat li sar depożitu ta' €4,660, m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' kemm kellhom ikunu l-pagamenti mensili għall-ħlas tal-bilanċ ta' €9,340 u lanqas f'kemm żmien kellhom jitħallsu. Inoltre, u stranament, meta xehed Gaetano Fenech quddiem l-ewwel Qorti fl-20 ta' Lulju 2010, huwa qal li kambjali ma kinux saru u sa dakinhar li kien qiegħed jixhed ma kien tħallas xejn iżjed. Meta l-appellant Marco Delia xehed fit-30 ta' April 2012 qal illi sa dakinhar pagamenti kważi m'għamel xejn. Dan għaliex ftit wara tressaq il-Qorti u kien hemm l-ordni ta' ffriżar. Issa, l-appellanti tressqu fit-30 ta' Ġunju 2010 u ngħataw il-ħelsien mill-arrest mill-ewwel. Inoltre, għalkemm ġew iffriżati l-assi tagħhom, intlaqgħet it-talba ta' l-appellant Marco Delia biex il-paga ta' €700 fix-xahar ma tiġix iffriżata. Difatti mill-i*statement* tal-kont tiegħu mal-Bank of Valletta jirriżulta illi huwa reġa' beda jiġbed il-flus f'Awwissu 2010. Jekk qabel ma "akkwista" l-vettura kien qiegħed jiġbed mill-kont tiegħu €700 fix-xahar u wara li tressaq il-Qorti u ġie hekk awtorizzat reġa' beda jiġbed €700 fix-xahar, u ma ħallas xejn (jew, kif jgħid hu, "kważi xejn") mill-bilanċ, dan ifisser li żamm l-istess *lifestyle* li kellu qabel "l-akkwist". Mela x'inhi l-provenjenza tal-flus li ntużaw għad-depożitu?

**12.** Din il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti rrimarkat illi Roderick Delia, ħu l-appellant Marco Delia, kien jgħix fl-istess dar u juża l-vettura in kwistjoni, u wkoll kien ġie kkundannat dwar traffikar ta' droga fis-sena 2005. L-istess Qorti rrimarkat ukoll li fis-sena 2009 Roderick Delia ġie akkużat b'reati dwar pussess aggravat ta' droga eroina u kokajina.[3] Dawn iċ-ċirkostanzi ċertament saħħew il-ħsieb ta' l-ewwel Qorti li l-flus li ntużaw kienu "suspect".

[3] Dan il-każ ġie deċiż b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Frar 2015 fejn instab ħati, iżda dik is-sentenza tinsab appellata.

**13.** Għalhekk, meħud kollox in konsiderazzjoni din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tqis li l-ispjegazzjoni li pprova jagħti l-appellant Marco Delia ma kinitx spjegazzjoni raġjonevoli li turi li l-flus kellhom provenjenza leċita, u konsegwentement setgħet tasal għal konklużjoni ta' ħtija fir-rigward ta' l-appellant Marco Delia wkoll.

**14.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. Din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tfisser f'diversi sentenzi tagħha li, bħala regola, hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti jekk din il-piena tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn, oġġettivament riskontrabbli, x'jindika li din kellha tkun anqas minn dik li effettivament ingħatat[4].

**15.** M'hemmx dubju li l-piena nflitta fuq iż-żewġ appellanti taqa' fil-parametri tal-liġi. L-ewwel Qorti mbagħad ħadet in konsiderazzjoni minn banda n-natura tar-reati u l-ammonti nvoluti u mill-banda l-oħra l-fatt li l-fedina penali ta' l-appellant Alfred Delia hi kważi netta u dik ta' l-appellant Marco Delia mhix allarmanti. Pero` din il-Qorti kellha wkoll l-benefiċċju ta' *social inquiry reports* li thejjew fir-rigward taż-żewġ appellanti.

**16.** Fir-rigward ta' l-appellant Alfred Delia r-rapport jgħid li huwa jgħix ħajja stabbli fejn il-familja hija l-iżjed fattur importanti. Fir-rigward ta' l-appellant Marco Delia jirriżulta li kellu għal xi żmien problema ta' abbuż ta' droga iżda jidher li ħareġ minn dan il-vizzju meta fittex l-għajnuna meħtieġa. Ir-rapport jindika li għalhekk ikun "għaqli li jibqa' jaħdem u jagħti sehmu ġewwa d-dar u mal-familja tiegħu sabiex b'hekk iżomm 'il bogħod minn vizzji li ħakkmuh fil-passat. B'hekk huwa jkun jista' jgħix ħajja ta' bżulija li toffrilu stabbilta` f'ħajtu."

**17.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, u meqjus ir-rwol partikolari ta' kull wieħed mill-appellanti fejn l-uniċi konsiderazzjoni li għamlu jidher li kienet dik ta' għajnuna lil membri tal-familja tagħhom, hi ndikata piena ta' priġunerija sospiża. Naturalment ma tistax ma twissix lill-appellanti illi, bħalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, **"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, *a let off* jew sempliċement *a slap on the hand*. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."**

[4] Ara, fost ohrajn, ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Borg u John Sultana*** App. Krim. 3/2/05.

**18.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tirrevokaha in kwantu kkundannathom tmintax il-xahar priġunerija effettivi, tikkundannahom tmintax-il xahar priġunerija liema sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin millum huma jikkommettu reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li l-perijodu għall-ħlas tal-multa u ta' l-ispejjeż peritali jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-imsemmijin Alfred Delia u Marco Delia bi kliem ċar ir-responsabbilta` tagħhom taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huma jikkommettu matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.